Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 34**

**Data:** Il-Ħamis, 24 t' Ottubru 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Kav. Paul Farrugia – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

## 34.1 Ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, Kav. Paul Farrugia, is-Sur Anthony Chircop u H.E. Clifford Galea Vella Maslennikov talbu li jkunu skużati.

34.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu bħala skużati.

34.1.3 Il-President semma li fil-laqgħa li jmiss ser ikun qed itella' għall-attenzzjoni tal-Membri l-attendenza minn għal-laqgħat tal-Eżekuttiv minn Jannar 2024 'l quddiem.

## 34.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 33

34.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

34.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

## 34.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 34

34.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Steven Axisa, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Settembru 2024 u l-24 t' Ottubru 2024 li kienet tammonta għal €122,072.98

## 34.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 33

| | |
|---|---|
| **34.4.1 INDIS** | Il-President semma li sal-aħħar ta' Novembru ser ikunu iffirmat il-ftehim il-ġdid mal-INDIS. |
| **34.4.2 Żjara minn Isabel Vera** | Il-President semma li ser tkun qed iżżur Malta s-Sa. Isabel li taħdem fuq proġeti Ewropej speċċjalment dawk iffinanzjati taħt il-Programm CERV. Semma li hija talbet sabiex tiltaqa' mar-Reġjuni. |
| **34.4.3 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li kien hemm Steering Committee tar-Rota tal-Feniċi imma l-Assoċjazzjoni ma setatx tattendi. Semma li Malta kienet reġgħet ġiet magħżulha sabiex l-Assoċjazzjoni tkun parti minn proġett ta' Capacity Building li jiġi organizzat Malta |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

lejn Frar 2025. Semma li dan il-Focus Group ser ikun bl-isem ta' SMART for SMEs u li huwa koffinanzjat mill-Programm COSME u ser ikun qed jitratta t-turiżmu sostenibbli.

**34.4.4 ALL Digital Summit**

Il-President semma li ser ikun qed jiġi ffurmat Kumitatt konġunt ma' ALL Digital sabiex jibdew il-pjanijiet tal-loġistika u kontenut.

**34.4.5 Proġett tal-Parking Area**

Il-President semma li l-applikazzjoni tal-Ġnien issa lesta u ser titla' għad-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar fi Frar 2025.

**34.5 Komunikazzjoni mill-President**

**34.5.1 CEMR**

Il-President semma li waqt l-European Open Week, is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal-konferenza organizzata mill-ALDA u CEMR fuq Immaniġġjar Ambjentali u reżiljenza bħala parti mill-proġett FOSTER.

**34.5.2 Job Descriptions**

Il-President semma li kienu intbgħatu lill-impjegati tal-Assoċjazzjoni dokument aġġornat tar-responsabilitajiet tagħhom anki minħabba ristrutturar li jrid ikun hemm fil-qafas amministrattiv.

**34.5.3 FHRD**

Il-President semma li wieħed mill-ħaddiema kien attenda għall-konferenza annwali fuq l-HR li tkun organizzata mill-FHRD.

**34.5.4 ALDA**

Il-President semma li b' kuntatti u proġetti li l-Assoċjazzjoni għandha ma' networks internazzjonali fosthom l-ALDA, ser tkun qed tati opportunita' sabiex Kunsilli u Reġjuni jattendu għal jumejn taħriġ ġewwa Malta li ser jitratta l-proġetti Ewropej. Semma li dan it-taħriġ ser jinżamm nhar 2 u 3 ta' Diċembru 2024.

**34.5.5 Smile with Jerome**

Il-President semma li ser ikun qed jiltaqa' ma' rappreżentanti mill-NGO Smile with Jerome, wara li dawn urew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Assoċjazzjoni. Il-President semma li l-festin ta' tfal tal-Milied ser ikunu mingħajr ħlas imma dawk li jattendu min jixtieq jista' jagħti donazzjoni li ser tkun qed tagħddi lil din l-NGO.

**34.5.6 SEA-EU Research Project**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna mill-Universita' ta' Malta sabiex tipparteċipa f' workshop li ser

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ikun qed jittella' f' Novembru. Semma li minħabba impennji oħrajn l-Assoċjazzjoni ma setatx tattendi. Semma li ser ikunu qed jipparteċipaw il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

**34.5.7 Laqgħa tas-Sindki**

Il-President semma li qed tkun imfassla l-Aġenda għal-Laqgħa tas-Sindki li ser tinżamm nhar 28 ta' Novembru 2024 ġewwa Għawdex. Semma li din ser tkun ibbażata fuq:
- ir-relevanza tal-Kunsilli Lokali
- il-prijoritajiet u sfidi għall-ħames snin li ġejjin
- l-irwol tas-sindu
- is-sindku fuq bażi full-time
- il-prijoritajiet
Semma li l-għada s-Sibt ser ikun qed jiġi organizzat Team Building bejn is-Sindki.
Is-Sur Max Zammit semma li hu xtaq ikun inkluż, jekk għadniex nikkunsidraw temi partikoplari fl-aġenda u jistax jagħti sehmu b' mod aktar attiv. Talab ukoll l-aġenda tal-laqgħa u li l-President semma li huwa kien ser jagħddijlu kopja.
Is-Sur Jesmond Aqulina semma li fir-Reġjun iqumu diversi punti mis-Sindki fosthom; fuq il-Bus Shelts, il-Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ, Immaniġjar tal-iskart.

**34.5.8 Salzburg European Smmit**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal dan is-Summit f' Ottubru. Semma li s-suġġetti diskussi kienu t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, komunitajiet reżiljenti u Gvern Lokali b' saħtu kif ukoll ħarsien għal turiżmu sostenibbli.

**34.5.9 World Human Rights Cities Forum**

Il-President semma li l-Assoċazzjoni irċiviet talba sabiex tissieħeb f' dan il-Forum. Semma li dan is-suġġett ser ikun trattat aktar tard fix-xhur li ġejjien.

**34.5.10 Citizens Engagement and initatives**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal dan il-Webnar li kien organizzat mill-Kumissjoni Ewropea.

**34.5.11 MOU AICCRE**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kompliet tiddiskuti u tikkollabora ma' AICCRE Italia u ser kienet mistiedna ġewwa Palermo għall-iffirmar ta' dan l-MoU li ser issir anki ma' Assoċjazzjonijiet oħra internazzjonali kif koll sabiex tattendi konferenza fuq is-Sehem tan-Nisa fil-Politka.

**35.5.12 Gala Night tal-Milied**

Il-President semma li l-Gala Night tal-Milied ser tkun organizzata nhar 14 ta' Diċembru 2024 ġewwa x-Xara Lodge.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Semma li qed jaħdmu fuq il-loġistika u li sabiex ikun hemm atmosfera differenti minn tas-soltu. Semma li ġiet mistiedna l-banda Versatile kif ukoll ser ikun hemm daqq tal-arpa u żeffiena li ser ikunu qed janimaw l-ewwel siegħa tas-serata.

**35.5.13 Taħriġ**

Il-President semma li għaddejjin diversi cohors kemm f' Malta kif ukoll f' Għawdex fuq Fundamentals in Wordpress bil-għan li l-ħaddiema tal-Kunsill itejbu l-għarfien ta' kif iħadmu l-Websites tal-Kunsilli Lokali u jaġġornawhom mingħajr aktar problemi. Kif ukoll Business Englishbil-għan li jtejjeb l-użu tal-lingwa Ingliża l-uffiċju.

**35.5.14 Taħrika**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċiviet u anki wieġbet taħrika mill-Prim Awla li ġiet sottomessa mis-Sa. Antonella Galea, ex-Segretarju Eżekuttiv Kunsill Reġjonali Port.

**35.5.15 Ħaddiema CIES**

Il-President semma li qed ikun hemm xi problemi fl-atitudni ta' wieħed mill-impjegati. Semma li din ġiet indirizzata b' mod immedjat mis-Segretarju Eżekuttiv u anki inħareġ it-tieni warning lil dan l-impjegat. Semma li min-naħa l-oħra huwa qed ipoġġi għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv sabiex il-kuntratt taż-żewġ ħaddiema jkun imġedded għal sena oħra. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Eżekuttiv approva dak propost.

**35.5.16 Live-in.EU**

Il-President semma li kif kien informa qabel waqt l-European Open week ġewwa Brussel, l-Assoċjazzjoni kienet firmatarja ta' Live-in.EU network. Semma li dan in-Network ser ikun qed jiġi Malta waqt l-Expo sabiex filwaqt li jagħtu workshop fuq Smart Communities jagħtu wkoll opportunita' lir-Reġjuni li jixtiequ jkunu firmatarji.

**35.5.17 Smart City World Congress**

Il-President semma li kif kien informa qabel is-Segretarju Eżekuttiv kien intgħażel sabiex jipparteċipa fil-programm Emerging Leaders organizzat minn RMIT Europe u EIT Urban Mobility. Il-President semma li bħala assessjar għal-għeluq ta' dan it-taħriġ, il-parteċipanti fosthom is-SE tal-AKL, kellhom itellgħu workshop waqt din l-Expo. Għaldaqstant, spjega li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna sabiex tati s-sehem tagħha anki bħala kelliema.
Semma wkoll li CEMR retreat ser ikun qed issir bħala parti minn din il-konferenza.
Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni tried tatendi wkoll forum li ser ikun qed jinżamm hemm minn Smart Cities Communities li ser

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | ikunu ġejjin jagħtu taħriġ f' Malta f' Novembru 2024. |
| **35.5.18 OPSA** | Il-President semma li fil-ġimgħat li ġejjien l-Assoċjazjoni ser tkun qed tiffirma MoU ta' kollaborazzjoni mal-OPSA. Semma li dan ser jiffaċċilita' u jtejjeb il-livell ta' servizz li l-Kunsilli Lokali jagħtu lill-anzjani. |
| **35.5.19 Eko-Skola** | Il-President semma li kienu għaddejjin il-laqgħat ma' Eko Skolasabiex nhar 20 ta' Novembru tittella s-serata ta' Premijiet ta' Eko Skola li għat-tieni sena din qed issir b' kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. |
| **35.5.20 Riżenja ta' ħaddiema fi skala 11** | Il-President semma li s-Sa. Roberta Carabott irreżenjat minn Assistent Prinċipal fi skala 11. Semma li l-Assoċjazzjoni laqgħet it-talba tas-Sa. Carabott u li din ser tkun qed taħdem l-aħħar sa 9 ta' Diċembru. Semma li s-Sa. Carabott intalbet sabiex tieħu l-leave li kien għadd fadlilha tieħu u għaldaqstant l-aħħar ġurnata li ser tku xogħol ser tkun nhar 27 ta' Novembru 2024.<br>Il-President semma li invista ta' dak li kien approvat fil-laqgħa preċidenti u anki wara din ir-riżenja, l-Assoċjazzjoni talbet il-permess ta' Diviżjoni sabiex tinħareġ sejħa għall-post vakant fi skala 13, skala 11 kif ukoll skala 7. |
| **35.5.21 Waste Management** | Il-President semma li l-ftehim mal-PROs kie kważi konklż u kien ser jiġi ffirmat mir-Reġjuni fl-ġranet li ġejjin. |
| **35.5.22 Transfers Segreatraji Eżekuttiv** | Il-President semma li kienu waslu għand l-Assoċjazzjoni li qed isiru transfers interni sabiex Segreatrji Eżekuttivi jiċċaqilqu minn Kunsill għall-ieħor mingħajr ma jkun għadu ddikjarat post vakant u tinħareġ sejħa. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed titkellem mad-Diviżjoni u anki tieħu parir legali f' dan ir-rigward. Dan anki fid-dawl li sa issa kull minn ried ibiddel minn Kunsill għal ieħor dejjem dan sar permezz ta' sejħa. |
| **35.5.23 MCESD** | Il-President semma li l-MCESD kienu qed jiġbru kummenti u proposti għall-Budget. |
| **35.5.24 Kaleci Old Town Festival** | Il-President semma li s-Sur Jesmond Aqulina, is-Sur Charles Bonello u s-Sur Max Zammit irrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni waqt il-Festival ta' Kaleci ġewwa Antalya. |
| **35.5.25 Inizjativa mill-** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna sabiex |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Korp tal-Pulizija** tagħmel info booth waqt l-attivita' imtella' mill-Korp b' għan filantropiku nhar 21 ta' Diċembru fi Pjazza San Ġorġ.

**35.5.26 Rillu Merillu** Il-President semma li l-ewwel Activity Book kien ġie ppubblikat u beda jitqassam waqt diversi attivitajiet.

**34.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjaru għat-Tielet Kwart tas-Sena 2024**

34.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva r-Rapport Finanzjaru għat-tielet Kwart tas-Sena 2024.

**34.7 Aġġornament**

34.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.35 li nżammet nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**